Public Broadcasting Services

# Policy

# għal

# Programmi ta’ Ġbir ta’ Fondi

**Lulju - Settembru 2026**

Il-Public Broadcasting Services Ltd. qed tippubblika l-policy dwar programmi ta' ġbir ta' fondi minn għaqdiet filantropiċi fuq l-istazzjonijiet tal-PBS, b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2026.

1. Fl-iskeda bejn Ottubru u Ġunju – il-PBS ser tkun qed talloka spazju fiss lil dawn l-erba' organizzazzjonijiet, sabiex isir ġbir ta' fondi matul l-iskeda tax-xitwa:

    i. **Maratona b'risq id-Dar tal-Providenza – 1 ta' Jannar**
    ii. **Puttinu Cares - Il-Ġimgħa l-Kbira**
    iii. **Malta Trust Foundation - Mejju**
    iv. **Fondazzjoni Caritas Malta - Novembru**
    v. **L-Istrina – 26 ta' Diċembru**

2. Kull organizazzjoni oħra minbarra dawk imsemmija f'paragrafu numru 1, tista' tapplika sabiex tiġi kkunsidrata għal matul l-Iskeda tas-Sajf (Lulju sa' Settembru) li b'kollox ser jiġu allokati total ta' **sitt okkażżjonijiet**, i.e. mqassma tnejn fix-xahar matul l-iskeda tas-sajf.

   Għal dan il-għan, il-PBS qed tippubblika sejħa fejn jintgħażlu **sitt** organizazzjonijiet permezz ta' kumitat tal-għażla maħtur mill-Public Broadcasting Services Ltd.

   Il-ħin allokat lil kull organizazzjoni magħżula ikun ta' mhux aktar minn tnax (12)-il siegħa f'ġurnata jew f'każ li l-attivita' ta' ġbir tkun fuq iktar minn ġurnata waħda, il-ħinijiet ikunu maqsuma fuq il-ġranet kollha jew uħud minnhom skond l-eżiġenzi tal-iskeda.

   L-għajnuna li se tingħata lill-organizazzjonijiet magħżula tista' tkun b'dan il-mod:

   - Promozzjoni tal-attivita' li tibda tixxandar sa minn seba' (7) t-ijiem qabel ix-xandir tal-imsemmija attivita' f''ħinijiet diversi fl-iskedi tat-TV u tar-Radju skond id-disponibbiltà tal-ħin mixtri, fejn ghandu jkun indikat l-*VO number*.

3. Minbarra dawn is-sitt (6) attivitajiet ta' ġbir jista' jkun hemm programmi speċjali ta' ġbir ta' flus bħal f'każi ta' ġrajjiet straordinarji. Dawn jitħallew isiru skont il-ħtieġa u wara approvazzjoni mid-diriġenti tal-PBS.

4. Dawn il-programmi jridu jittellgħu b'mod professjonali u li jkollhom kontenut ta' kwalità professjonali kif mistenni minn programm tat-televiżjoni. Għaldaqstant, irid jintbagħat pjan dettaljat tal-kontenut għall-konsiderazzjonij u l-approvazzjoni tad-diriġenti tal-PBS.

   Il-PBS għandha r-responsabilita\` editorjali u tirriserva d-dritt li tagħti dawk id-direttivi u ordnijiet neċessarji dwar il-produzzjoni ta' dawn il-programmi jekk waqt il-preparazzjoni jkun ċar li l-livelli rikjest mill-istazzjon ma jkunx se jintlaħaq. F'dan il-kuntest PBS tista\` ukoll tordna li l-programm ma jintweriex fuq l-istazzjonijiet taghha.

5. L-għażla aħħarija ta' fuq liema stazzjon tal-PBS u f'liema ħinijiet dawn il-programmi ta' ġbir ta' flus ikunu se jintwerew hi fid-diskrezzjoni tal-Management tal-PBS skont l-iskeda tal-programmi u l-ħtiġijiet tal-iskeda stess.

6. Il-PBS tirriserva d-dritt li tbiddel il-policy skont il-ħtieġa.

Public Broadcasting Services

# Applikazzjoni

**Ġbir ta' Fondi għas-Sena 2026**

| | |
|---|---|
| **Isem u Kunjom:** | |
| **Organizazzjoni:** | |
| **V.O. Number:** | |
| **Kariga:** | |
| **Tel:** | |
| **Email:** | |
| **Indirizz:** | |
| **Dettalji dwar l-għan tal-ġbir ta' fondi:** | |
| **Data suġġerita:** | |
| **Ħinijiet tal-Maratona:** | |
| **Post/Studio:** | |

Ittikja li hemm anness id-dokument bil-proposta tal-programm ☐

| | |
|---|---|
| Firma | Data |

**L-applikazzjonijiet għandhom jintbgħatu fuq email fundraising@pbs.com.mt sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2026.**